MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 279/2014

**360 Food Imports Limited**

**Vs**

**James CHETCUTI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' mija u tmintax-il euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€118.59c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;

Illi l-konvenut j'opera taht l-isem ta' Two Cherries Bar u ordna minghand is-socjeta esponenti numru ta' merkanzija;

Illi s-socjeta attrici kkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija kkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' mija u tmintax-il ewro u disa u hamsin centezmu (€118.59) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmintax il-ewro u disa u hamsin centezmu (€118.59) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkkonsenjata lill-konvenut.

   Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mill-24 ta' Mejju 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fid-9 ta' Dicembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 14 u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum u li permezz taghha hija cediet is-sorte stante li dan thallas llum stess direttament lis-socjeta rikorrenti mill-intimat, izda zammetti ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li Dr. Johnaton Abela, ghas-socjeta rikorrenti talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez, liema talba, t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Permezz ta' nota mressqa llum stess, is-socjeta rikorrenti cediet is-sorte izda zammett ferm il-kap ta' l-ispejjez. Skond ma gie dikjarat, l-intimat kien mar ihallas lis-socjeta rikorrenti llum stess is-sorte minnu dovut. Galadarba l-hlas sar wara l-prezentata tat-Talba, huwa xieraq u gust li l-intimat ibaghti l-ispejjez taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba in vista tan-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess, qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez kollha involuti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------